# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 960/2020 MH**

**Illum, 12 ta' Lulju, 2020**

**HSBC Bank Malta p.l.c (C3177)**

**vs**

**Michael Livori (Karta ta' l-Identita' Numru 390678M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Bank attur tat-23 t'Ottubru 2020 li permezz tiegħu ppremetta:

> *Tesponi bir-rispett u l-Av. Dr Ralph Agius Fernandez (Karta tal-Identità Nru 565688M) in rappreżentanza tal-kumpannija esponenti, kif debitament awtorizzat, bil-ġurament tiegħu jikkonferma s-segwenti fatti, li jaf bihom minn dokumenti miżmuma fi ħdan l-istess kumpannija;*

1. *Illi in forza ta' kuntratt tal-15 ta' Jannar 2007 fl-atti tan-Nutar Dr Ritienne Bugeja Fenech, il-Bank attur ikkonċeda faċilità bankarja lill-konvenut Michael Livori konsistenti f'self fis-somma ta' tmienja u għoxrin elf u sitt mitt lira Maltija (Lm 28,600) ekwivalenti għal sitta u sittin elf, sitt mija u għoxrin Ewro u tmien ċenteżmi (€66,620.08) u dan wara sanction letter maħruġa mill-istess Bank attur datata 20 ta' Ottubru 2006 (kopja tal-kuntratt ta' self u tas-sanction letter hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. A u Dok B);*

2. *Illi l-konvenut naqas milli jagħmel il-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-sanction letter u għaldaqstant huwa ddekada mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilu skond il-kundizzjonijiet kemm tal-istess sanction letter kif ukoll tal-kuntratt ta' self relattiv;*

3. *Illi fuq dan is-self il-konvenut huwa għalhekk debitur tal-Bank attur fis-somma ta' tnejn u sittin elf seba' mija u Ewro u wieħed u ħamsin ċentezmu (€62,701.51), dovuta in kwantu għal ħamsa u ħamsin elf, mitejn u tmienja u għoxrin Ewro u wieħed u tletin ċentezmu (€55,228.31) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilu, u r-rimanenti seba' t'elef erba' mija tlieta u sebgħin Ewro u għoxrin ċentezmu (€7,473.20) bħala imgħax ikkalkulat sat-13 ta' Ottubru 2020, kif rifless fl-istatement hawn anness bħala Dok. C, oltre l-imgħax legali ulterjuri mill-14 ta' Ottubru 2020 sad-data tal-pagament effettiv;*

4. *Illi l-konvenut, għalkemm interpellat diversi drabi biex iħallas l-ammont dovut minnu, anki permezz ta' ittra uffiċjali datata 5 ta' Ottubru 2018 li ġġib in-numru 3421/18 (Dok. D), baqa' inadempjenti;*

***Għaldaqstant,*** *il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:*

*(i) Tiddikjara li l-konvenut Michael Livori huwa debitur fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' tnejn u sittin elf seba' mija u Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€62,701.51), dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mill-14 ta' Ottubru 2020 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(ii) Tikkundanna lill-istess konvenut Michael Livori jħallas lill-Bank attur l-imsemmija s-somma tnejn u sittin elf seba' mija u Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€62,701.51) bl-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma mill-14 ta' Ottubru 2020 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 5 ta' Ottubru 2018, u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat bl-atti tal-kawża[1], ma ntavola ebda risposta entro t-terminu stipulat mill-liġi u għalhekk huwa kontumaċi. Lanqas ma deher waqt is-smiegħ tal-proċeduri u ma ressaq ebda sottomissjonijiet.

[1] Fol 46 et seq

Rat il-provi mressqa mill-Bank attur.

Rat illi ll-kawża tħalliet għall finali sottomissjoniet u għall-lum għas-sentenza in difett t'ostakolo.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-Bank attur kien ikkonċeda facilita' bankarja lill-konvenut permezz ta' kuntratt datat 15 ta' Jannar 2007 konsistenti f'self fis-somma ta' tmienja u għoxrin elf u sitt mitt lira Maltin (Lm28,600) ekwivalenti għal sitta u sittin elf, sitt mija u għoxrin Ewro u tmien ċenteżmi (€66,620.08) u dan wara *sanction letter* maħruġa mill-istess Bank attur fl-20 t'Ottubru 2006.

Il-konvenut naqas milli jagħmel il-pagamenti rikjesti u miftiehma fis-*sanction letter* u kwindi l-Bank attur iddikjara li l-istess konvenut iddekada mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilu skont il-kundizzjonijiet kemm tal-istess *sanction letter* kif ukoll tal-kuntratt ta' self relattiv.

Il-Bank isostni li fuq dan is-self il-konvenut huwa għalhekk debitur tal-Bank fis-somma ta' tnejn u sittin elf seba' mija u Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€62,701.51) dovuta in kwantu għal ħamsa u ħamsin elf, mitejn u tmienja u għoxrin Ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€55,228.31) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilu, u r-rimanenti sebat elef erba' mija tlieta u sebgħin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€7,473.20) bħala imgħax ikkalkulat sat-13 t'Ottubru 2020 oltre l-imgħax legali ulterjuri mill-14 t'Ottubru 2020 sad-data tal-pagament effettiv.

Għalkemm il-Bank interpella lill-konvenut diversi drabi sabiex iħallas l-ammont dovut minnu nkluż b'ittra uffiċjali tal-5 t'Ottubru 2018 huwa baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir il-kawża.

Il-Bank qiegħed jitlob lill-Qorti –

(i) tiddikjara li l-kovenut huwa debitur tal-Bank fis-somma ta' tnejn u sittin elf seba' mija u Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€62,701.51) dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mill-14 t'Ottubru 2020 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) Tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' tnejn u sittin elf seba' mija u Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€62,701.51) bl-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq dik is-somma mill-14 t'Ottubru 2020 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 5 t'Ottubru 2018 u tal-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet premessi preżentat kontestwalment mal-kawża odjerna kontr l-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esibiti mill-Bank attur, u ċioe' –

i. Il-kopja tal-kuntratt ta' self tal-15 ta' Jannar 2007[2];

ii. Il-kopja tas-Sanction letter datata 20 t'Ottubru 2006[3];

---

[2] Fol 6 et seq
[3] Fol 19 et seq

iii. Statement li juri l-ammont dovut fuq il-kont ta' self tal-konvenut Nru 14129395 sat-13 t'Ottubru 2020[4];

iv. Kopja ta' ittra uffiċjali datata 5 t'Ottubru 2018[5].

Rat l-affidavit ta' Mildred Spiteri Bondin, uffiċjal tal-Bank attur[6]. Hija tat dettalji dwar il-faċilita' bankarja konċessa lill-konvenut u spjegat li għalkemm fil-bidu kien regolari fil-pagamenti li beda jagħmel għall-perjodu qabel Mejju 2016, wara din id-data l-pagamenti ma bdewx isiru b'mod regolari. Għalkemm il-konvenut ġie mitlub mill-Bank sabiex jindirizza l-bilanċi li kien hemm pendenti inkluż bil-preżentata tal-ittra uffiċjali tal-5 t'Ottubru 2018, fejn anke ġie mwissi li jekk l-arretrati ma jiġux indirizzati fi żmien ħmistax -il jum il-bilanċ intier isir dovut, huwa baqa' inadempjenti. Ix-xhud esibiet ukoll id-dokumenti relattivi li jissostanzjaw ix-xhieda tagħha.

Illi nonostante lil kontumaċja ma ġġibx magħha *xi walk over* awtomatiku tal-attur fuq il-konvenut u jinkombi fuq ta' l-ewwel li jiprova t-talbiet tiegħu sal grad li trid il-liġi, l-Qorti wara li rat ix-xhieda u d-dokumenti kollha mressqa mill-Bank attur issib li t-talba għall-ħlas tal-ammonti mitluba hija ġustifikata.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-Bank attur kif dedotti bl-ispejjeż a karigu tal-konvenut.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

---

[4] Fol 26 et seq
[5] Fol 32
[6] Fol 53 et seq

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**